MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 112/2004

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Brian Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Lulju 2003, ghall-habta ta' nofs in-nhar, fi Triq San Martin, limiti ta' San Pawl il-Bahar, saq vettura numru AGY-040 :**
**1) b'giri aktar milli jmissu;**
**2) b'manjiera perikoluza;**
**3) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Carmen Arnaud, Juanita Arnaud, Tasha Schriha u Tessie Cremona, skond kif**

**iccertifika Dr. Ramon Scerri M.D. mic-centru tas-Sahha tal-Mosta;**
**4) involontarjament ikkaguna hsarat fuq il-vettura numru AAA-403 ghad-dannu ta’ Carmen Arnaud;**
**5) u aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna hsarat fl-istess vettura (AGY-040) li kien qed isuq ghad-dannu ta’ Edmond Fenech.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Mejju, 2004, li biha wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-Artikolu 226 tal-Kap. 9, l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 17 ta’ l-istess Kap. 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) u ordnat li l-imputat ikun skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta’ Mejju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tiddikjara illi l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli in kwantu l-Ewwel Qorti ma pprovditx adegwatament illi l-appellant ikun legalment assistit u konsegwentement, jekk jidhrilha opportun, tirrimanda lura l-atti processwali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex jigu decizi skond il-ligi u, fl-eventwalita’ li dina l-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tirrevoka w thassar is-sentenza billi l-esponent jigi ddikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu w konsegwentement, tilliberah skond il-ligi w minghajr pregudizzju, f’kaz li din il-Qorti ma tilqax dawn l-aggravji, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.
**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor hu s-segwenti u cioe’ li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla stante illi l-appellant talab l-assistenza legali quddiem l-Ewwel Qorti w din ma inghatatlux , partikolarment meta gie mistoqsi jekk iridx jixhed jew le . Li l-kawza setghet facilment tigi posposta ghax meta rega’ dahal fl-awla l-Avukat tieghu, s-seduta kienet ghadha**

**ghaddejja jew inkella seta' jigi nkarikat avukat iehor a spejjez pubblici skond il-ligi ; li minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju , l-ewwel akkuza kienet preskritta skond il-ligi w li l-appellant kellu jigi liberat mit-tmin akkuza stante rinunzja tal-parti leza u li r-reati dedotti fil-konfront tal-appellant ma setghux jikkonfiguraw peress li ma jirrikorrux l-elementi necessarji;**

**Rat il-verbal registrat Minn Dottoressa Frendo Dimech ghall-Prosekuzzjoni li bih eccepiet in-nullita' tal-appell in kwantu jolqot il-mertu ghax hu priv mill-fatti fil-qosor fir-rigward .**

**Rat il-verbal li bih Dr. Richard Sladden, ghall-appellant, aderixxa u ghalhekk ceda l-appell sussidjarju fil-mertu w zamm ferm l-ewwel talba tal-appellant dwar in-nullita' tal-proceduri w s-sentenza;**

**Rat in-nota ta' cessjoni tal-appell fil-mertu ;**

**Semghet lil Dr. Sladden bil-gurament ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Trattat l-appell;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi peress li r-rikors ghal dak li jirrigwarda it-talba principali sabiex din il-Qorti tiddikjara l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti w s-sentenza appellata nulli , fih sew rezokont tal-fatti fil-qosor , jidher li ma hemm xejn x' josta biex din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' dan l-aspett tal-appell li issa biss ghad hemm quddiemha.**

**Illi mid-depozizzjoni ta' Dr. Sladden li tikkonferma dak li hemm espost fir-rikors tal-appell, jirrizulta li l-Avukat tal-appellant , dak in-nhar tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti kien prezenti fl-awla sa mill-8.45 am. Peress li kien hemm Dr. Farrugia li kellu xi kawzi w hu**

**kien warajh , l-ewwel saru dawk il-kawzi ta' Dr. Farrugia . Wara, peress li l-Qorti kienet qed timxi skond min mill-avukati jkun prezenti l-ewwel, kien imiss lil kawza tal-appellant , imma, peress li kien hemm tabib li ried jixhed f' kawza ohra, ssejhet u giet trattata dik il-kawza. Umbaghad waqt li kien qed jixhed minuri, l-awla giet zgumbrata f' xil-10.15 am. u l-avukat tal-appellant hareg mill-awla w mar f' awla ohra fejn kellu kawza bil-hin fl-10.30 am . Meta, f' xil-10.45 am., l-Avukat rega nizel fl-awla numru 4, fejn kienet ghadha ghaddejja s-seduta, sab li l-kawza kienet giet trattata w deciza minghajr ma l-appellant kien assistit minnu.**

**Illi mill-verbal tal-*prime note* tal-kawza (fols. 14 u 15 tal-process) jidher li sa mill-bidu nett l-Ewwel Qorti kienet informata li l-appellant kien patrocinat minn Dr. Sladden. Di fatti l-ewwel haga li saret kien li ssejjah dan l-avukat, pero' ma deherx. Hawn inqrat l-akkuza, ntalbet korrezzjoni mill-ufficjal prosekutur. Il-Qorti laqghet it-talba w l-appellant kien informa lil Qorti li kien qed jaghti ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Xehdu diversi xhieda w wara l-ewwel tlitt xhieda hemm verbalizzat : *"Dr. Richard Sladden rega' gie imsejjah diversi drabi u ma deherx."* Xehed xhud iehor u rega tnizzel l-istess verbal. Sar konfront . L-ufficjal prosekutur iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x' tipproduci u "*Rega gie msejjah Dr. Richard Sladden inutilment."***

**Il-verbal ikompli jekk :-**

"Il-Qorti wara li fehmet lill-imputat bid-drittijiet tieghu inkluz dak li jista' jibqa' fis-silenzju , l-imputat informa lill-Qorti li jixtieq jaghti d-depozizzjoni tieghu ;
***"Rega' gie msejjah Dr. Richard Sladden ghal diversi drabi u rega' ma deherx .***
***"Xehed bil-gurament : Brian Fenech , l-imputat;***
***"L-imputat jinforma lill-Qorti illi m'ghandux provi x' jipproduci ;***
***L-Ufficjal Prosekutur ttrattat il-kaz***
***"Inghatat is-sentenza;***

***“Il-kawza giet deciza .”***

**Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza** “Il-Pulizija vs.Joseph Mohnani” **[28.4.1993] : “din il-Qorti ma tistax thares b’leggereza ghall-verbali ta’ Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu *prima facie* sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball.”**

**Hu ovvju li minn dan il-verbal jidher li l-Ewwel Qorti sejjhet lill-avukat difensur diversi drabi tant li dan gie verbalizzat ripetutament. Jidher li l-Ewwel Qorti kienet prejokkupata bil-fatt li l-Avukat tal-appellant odjern ma kienx prezenti w dan hu indikattiv li x’aktarx ukoll li l-appellant innifsu kien insista jekk mhux ukoll kien qed ripetutament jinsisti ghall-avukat tieghu.**

**Illi l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li *“Hu dmir tal-qrati ta’ gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta’ l-imputati jew akkuzati.”***

**Illi din il-Qorti diversament preseduta mhux l-ewwel darba li esprimiet ruha kif irid jigi tutelat dan id-dritt. Kif gie deciz fl-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Bernard Grech**” [23.9.1998]. (per V. De Gaetano J.)**
***“…..l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519 . Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor , jew f’ kaz li ma jirmexxilux jinkariga avukat iehor, , billi tinnonminalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici . Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawza – li wara kollox hi wahda sommarja – dik il-gurnata stess, wara li naturalment , taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza . Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan , u***

***minnflok ghaddiet minnufieh biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza , u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le , hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 1998, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Michelina Apap." Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' l-ewwel sentenza ."***

Fil-kaz odjern jidher implicitu li l-appellant kien kull ma jmur qed jitlob ghall-assistenza tal-avukat tieghu li baqa' jissejjah u ma jidhirx, tant li l-Ewwel Qorti ordnat li l-fatt li kien qed jissejjah jigi verbalizzat ripetutament.

**Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mall-Ewwel Qorti li ovvjament kienet taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u riedet twettaq il-programm ta' xoghol taghha f' dik is-seduta w tapprezza ukoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati , xhieda jew avukati . Pero' , fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ladarba kien jidher evidenti li l-appellant odjern kien qed jinsisti ghall-avukat tieghu, l-Ewwel Qorti suppost li jew ipposponiet ghal ftit tal-hin jew appuntat lill-appellant difensur iehor hi stess . Peress li dan ma sarx, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata.**

**Ghalhekk l-appell qed jigi milqugh w s-sentenza appellata qed tigi annullata , revokata w imhassra w, biex ma tipprivax lill-partijiet u specjalment lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami , ser tibghat l-atti mill-gdid quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawza terga' tinstema' mill-gdid skond il-ligi**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------